MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Appell Kriminali Numru. 242/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Wael Dwah Mahmoud**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Wael Dwah Mahmoud talli (**1**) fis-7 ta' Marzu [2001] ghall-habta tal-10.50 ta' filghaxija fil-Gzira ikkommetta serq ta' basket kontenenti flus u hwejjeg ohra minn fuq il-persuna ta' Josephine Refalo minn tas-Sliema, liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza, valur li ma jeccedix l-elf lira, u bil-hin; (**2**) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess Josephine Refalo minn tas-Sliema u lil Ann Marie Scerri minorenni mill-Gzira kontra l-volonta` taghhom; (**3**) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jikkaguna feriti gravi fuq il-persuna

ta’ l-imsemmija Josephine Refalo u Anne Marie Scerri, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi tefa’ fid-direzzjoni taghhom strument li jaqta’ u jniggez (sikkina), liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu; (**4**) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom; (**5**) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi uza vjolenza sabiex igieghel lill-imsemmija Josephine Refalo u Anne Marie Scerri jaghmlu, ihallu jsir jew jonqsu milli jaghmlu xi haga; (**6**) talli f’dawn il-Gzejjer fis-7 ta’ Marzu, 2001 u fil-granet ta’ qabel din id-data zamm u/jew garr, jew kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta’ u li jniggez (sikkina) minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija; (**7**) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna kellu fil-pussess tieghu arma li taqta’ u tniggez; (**8**) talli kiser il-provvedimenti ta’ l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 skond sentenza datata 8 ta’ Frar, 2000 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fejn hu kien instab hati ta’ reat u lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien dsatax-il xahar; kif ukoll talli (**9**) sar recidiv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta’ Ottubru, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Wael Dwah Mahmoud hati skond l-imputazzjonijiet kollha (hlief ghal dik ta’ ricettazzjoni li minnha lliberatu); dik is-sentenza tkompli hekk:

***Ghal dawn ir-ragunijiet dina l-Qorti qieghda tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni illi ma jikkommettix reat iehor ghal zmien tlett (3) snin mil-lum a tenur ta’ l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta u a tenur ta’ l-Artikolu 5 ta’ l-istess Kapitolu, qiegheda tordna li jitpogga taht is-sorveljanza tal-Probation Officer tieghu, Marietta Lanzon, ghal dan l-istss periodu, li ghandha, di tant in tant, tirraporta verbalment dwar l-andament ta’ l-imputat specjalment***

***dwar il-konkluzzjoni, min naha tieghu, tal-kura mill-problema tad-droga.***

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali, minnu ppresentat fit-22 ta' Ottubru, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta' l-24 ta' Jannar, 2003; semghet ukoll fl-istess udjenza lis-Sur Joseph Gatt, rappresentant tal-*Caritas*; ikkunsidrat:

1. L-aggravju ta' l-Avukat Generali huwa fis-sens li ghall-ksur tal-liberazzjoni taht kundizzjoni[1] moghtija lill-appellat bis-sentenza tat-8 ta' Frar, 2000 – l-imputazzjoni numru tmienja – l-ewwel qorti ma setghetx terga' taghmel Ordni ta' *Probation* iehor, u dana minhabba d-divjet espress ta' l-Artikolu 10(2) tal-Att dwar il-*Probation* ta' Hatjin, Kap. 152.

2. Ghalkemm l-Avukat Generali ghandu ragun kwantu ghall-punt ta' dritt minnu sollevat dwar il-piena, il-problema f'dan il-kaz hija aktar kumplikata milli qed jittendi l-istess Avukat Generali, li jidher li cafcaf rikors ta' appell bil-ghaggla minghajr ma qaghad jara sew il-kaz.

3. Effettivament is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 10 tal-Kap. 152 jipprovdi li ***"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3)[2], meta persuna tigi trattata ghar-reat li ghalih tkun tqeghdet taht*** **probation** ***jew li dwaru tkun giet liberata taht kondizzjoni, il-qorti ma tistax tqieghdha taht*** **probation** ***jew taghmel ordni dwarha kif provdut fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 9 ta' dan l-Att dwar dak ir-reat"*****.** Din id-disposizzjoni hija ghalhekk cara: persuna li tigi trattata ghall-ksur ta' *probation order* <u>ma tistax</u>, ghar-reat jew reati li ghalih jew ghalihom tkun originarjament tqieghdet taht *probation*, <u>terga' titqieghed taht *probation* jew tinghata *conditional discharge*</u>; u bl-istess mod, persuna li tkun

[1] Mhux Ordni ta' *Probation*, kif erroneament indikat fir-rikors ta' appell.
[2] Dana s-subartikolu mhux applikabbli ghall-kaz in dizamina.

inghatat *conditional discharge* ma tistax, ghall-istess reat jew reati li tkun giet hekk illiberata taht kondizzjoni, terga' tigi lliberata taht kondizzjoni jew titqieghed taht ordni ta' *probation*.

4. Issa, f'dan il-kaz l-ewwel qorti sabet lill-appellat hati ta' diversi reati kif ukoll talli kkommetta reat fil-periodu tal-liberazzjoni taht kundizzjoni skond sentenza tat-8 ta' Frar, 2000. F'dik is-sentenza, li kopja legali taghha tinsab ezibita a fol. 22 sa 24 ta' l-atti tal-kawza, l-appellat kien instab hati ta' pussess (semplici) ta' erojina. Hu gie liberat a tenur ta' l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax-il xahar[3] mid-data ta' dik is-sentenza. Meta, allura, fis-sentenza appellata l-ewwel qorti giet biex titratta ma' l-appellat dwar dak ir-reat ta' pussess ta' erojina, hija ma setghetx la terga' tilliberah taht kondizzjoni u anqas taghmel Ordni ta' *Probation*. L-ewwel qorti addirittura ghamlet it-tnejn, u cioe` sia liberazzjoni taht kondizzjoni skond l-Artikolu 9 u sia Ordni ta' *Probation* skond l-Artikolu 5 tal-Kap. 152.

5. Jista' jaghti l-kaz – pero` din hija semplici kongettura da parti ta' din il-Qorti – li l-ewwel qorti riedet tipprovdi mod in kwantu ghall ksur tal-*conditional discharge* u mod iehor ghar-reati l-ohra ipotizzati fl-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-hames, is-sitt, is-seba' u d-disa' imputazzjoni. In fatti huwa possibbli li ghal certi reati jinghata, per ezempju, *conditional discharge*, jew isir Ordni ta' *Probation* u ghal reati ohra migjuba fl-istess kawza tinghata l-piena skond il-ligi (salv dejjem id-diversi limitazzjonijiet li hemm fil-Kap. 152). Huwa veru li ma tantx huwa konsiljabbli li qorti timxi b'dan il-mod, imma xorta wahda huwa legalment possibbli.

6. Il-problema fil-kaz *de quo*, pero`, hi li l-ewwel qorti ma qalitx ghal liema reat/i kienet qed tillibera taht l-Artikolu 9 u ghal liema reat/i kienet qed taghmel Ordni ta' *Probation*. Zgur li fir-rigward tar-reat ta' pussess ta' erojina ma setghet taghmel ebda wiehed minn dawn it-tnejn! U mhux hekk biss, izda fir-rigward tas-sitt imputazzjoni u

[3] Mhux dsatax-il xahar, kif erroneament jinghad fl-imputazzjoni numru tmienja.

tas-seba' imputazzjoni – li jipotizzaw reati taht l-Ordinanza dwar l-Armi, Kap. 66 – ukoll ma setghet taghmel ebda wahda minn dawn – ara d-divjet skond l-Artikolu 27 ta' l-imsemmija Ordinanza[4].

7. Din il-Qorti ma tarax alternattiva hlief li jkollha tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata riprodotta aktar 'l fuq f'din is-sentenza. In sostanza l-appell ta' l-Avukat Generali huwa fondat.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat a tenur ta' l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmlix reat iehor fi zmien tlett snin kif ukoll f'dik il-parti fejn ordnat li jitpogga taht is-sorveljanza tal-Ufficjal tal-*Probation* Marietta Lanzon ghall-periodu ukoll ta' tlett snin skond l-Artikolu 5 ta' l-istess Kap. 152, u minflok tikkundanna lil Wael Dwah Mahmoud ghall-piena ta' sena (1) u seba' (7) xhur prigunerija; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[4] **Art. 27:** "Id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar *Probation* ta' Hatjin u l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali ma japplikaw ghal ebda reat kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza".